# Fuljett ta' informazzjoni minn BreastScreen Victoria

### Qabel l-iskrinnjar tiegħek

- Iddiskuti l-istorja medika tal-kanċer fil-familja tiegħek.
- Ilbes flokk u qalziet jew dublett.

### Meta tmur għall-eżami

- Ser tneħħi l-flokk tiegħek fil-privatezza; staqsi jekk tkun tixtieq tilbes gown.
- Il-magna ser tagħfas ħafna fuq sidrek biex tieħu l-istampi tal-x-ray.

### Wara l-eżami tiegħek

- Ser nibgħatulek ir-riżultati fi żmien bejn 2 sa 4 ġimgħat.
- Jekk ikollok bżonn ta' aktar testijiet, ser nitolbuk biex terġa' tiġi.

### Sentejn wara

2 yrs

- Aħna nistiednu l-maġġoranza tan-nies biex jagħmlu eżami tas-sider kull sentejn.
- Ara lit-tabib tiegħek jekk tinnota xi tibdil fiż-żmien bejn l-iskrinnjar tas-sider.

## Qabel l-iskrinnjar tas-sider tiegħek

### Min huma BreastScreen Victoria?

BreastScreen Victoria hija parti akkreditata ta' BreastScreen Australia – il-programm nazzjonali tal-iskrinnjar tal-kanċer tas-sider. Aħna nistiednu residenti tal-Victoria eliġibbli tal-etajiet bejn il-50 u l-74 sena biex jagħmlu eżami tas-sider b'xejn (mammogramma) kull sentejn. Għandna kuntratti ma' provedituri pubbliċi u privati tas-servizzi tas-saħħa biex iwasslu skrinnjar tas-sider fil-Victoria.

### X'inhu eżami tas-sider?

Eżaminar tas-sider (mammogramma) huwa x-ray b'doża baxxa tas-sider, li hu rakommandat kull sentejn mill-etajiet bejn il-50 u l-74 sena. Fi BreastScreen Victoria, aħna ġeneralment nieħdu żewġ x-rays ta' kull sider – waħda minn fuq u oħra mill-ġenb. L-eżaminar tas-sider jista' jsib kanċers li huma żgħar wisq biex wieħed iħosshom. Aktar mal-kanċer jinqabad kmieni, aktar ma t-trattament ser ikun ta' success.

### L-eżami tas-sider hu sikur?

Kull darba li tagħmel eżami tas-sider, sidrek ikun espost għal ammont żgħir ta' radjazzjoni. Ir-riċerka turi li l-benefiċċji tal-iskrinnjar tas-sider li jsibu kanċer kmieni jegħlbu kwalunkwe riskji ta' radjazzjoni.

### X'jiġri jekk ninnota xi bidla f'sidri?

Huwa importanti li issir taf kif jidher u jinħass sidrek normalment. Jekk tinnota kwalunkwe tibdil f'sidrek, bħal xi għoqda ġdida, ħruġ ta' likwidu min-nipple jew ħmura, ara lit-tabib tiegħek kemm jista' jkun malajr. Jekk jogħġbok tmurx fis-sit ta' BreastScreen Victoria.

### Ser ikolli bżonn inġib miegħi x-rays ta' sidri minn ta' qabel?

Jekk għamilt eżami tas-sider qabel – ma' BreastScreen Victoria jew ma' proveditur privat – huwa importanti li jkollna kopja tal-x-rays ta'sidrek minn ta' qabel biex inqabbluhom ma' xulxin. Dan ser itejjeb l-eżatezza tar-riżultat tiegħek tal-eżami tas-sider.

Meta ibbukkjajt l-appuntament tiegħek, staqsejnik jekk l-aħħar mammogramma tiegħek saritx minn BreastScreen Victoria. Jekk weġibt li iva, aħna offrejnilek biex nakkwistaw l-x-rays tiegħek b'mod elettroniku bil-kunsens tiegħek. Inkella, tlabnik biex iġib miegħek l-x-rays tiegħek għall-appuntament tiegħek.

### Ser ikolli naqsam l-istorja medika tal-familja tiegħi?

Aħna niġbru informazzjoni dwar l-istorja medika tal-familja tiegħek tal-kanċer tas-sider u tal-ovarji biex nkunu nistgħu nipprovdu kura aħjar. Aħna nużaw din l-informazzjoni biex nikkalkulaw ir-riskju personali tiegħek illi jaqbdek kanċer tas-sider.

Qabel ma timla l-formola tar-reġistrazzjoni tiegħek, jekk jogħġbok tkellem mal-familja tiegħek dwar l-istorja medika tal-familja. Għal aktar informazzjoni, żur breastscreen.org.au/family-history

### X'jiġri jekk għandi impjanti f'sidri?

Il-maġġoranza tan-nies b'impjanti jistgħu jagħmlu eżami tas-sider. Jekk jogħġbok aqra l-fuljett ta' informazzjoni *Breast screening with implants* fis-sit breastscreen.org.au/resources/community

Mhux ser intuk pariri dwar problemi bl-impjanti tiegħek. Jekk tinnota xi problema jew inti mħassba dwar l-impjanti, jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek kemm jista' jkun malajr.

### X'għandi nilbes għall-appuntament tiegħi?

Aħna nirrakomandaw li tilbes dublett jew qalziet u flokk għall-appuntament tiegħek. Dan ser jippermettilek li tneħħi l-flokk tiegħek faċilment għall-eżami tas-sider. Jekk jogħġbok tilbisx ħafna ġojjellerija. Jekk xagħrek twil, jekk jogħġbok ġib qafla jew tella' xagħrek.



Ara l-paġna li jmiss →

### X'jiġri jekk qed nippjana li nivvjaġġa ftit wara l-eżami tas-sider tiegħi?

Ir-riżultati tal-eżami tas-sider tiegħek ser ikunu riveduti minn żewġ jew aktar professjonisti tas-saħħa li huma mħarrġa qabel ma jintbgħatulek. Dan il-proċess jista' jieħu bejn ħmistax sa erba' ġimgħat. Għalhekk, aħna nirrakomandaw bil-qawwa li tħalli bejn 4 sa 6 ġimgħat bejn l-appuntament tal-eżami tas-sider tiegħek u xi vjaġġ. Jekk jogħġbok għarraf lir-receptionist jew lir-radjografu jekk qed tippjana li tivvjaġġa fi żmien 4 sa 6 ġimgħat mill-eżami tas-sider tiegħek.

## Waqt l-eżami tas-sider tiegħek

### X'ser jiġri waqt l-appuntament tiegħi?

Inti ser tkun milqugħ minn membru tat-tim tagħna li ser jispjega l-proċess tal-iskrinnjar tas-sider. Radjografu mara imbagħad ser tieħdok fil-kamra tal-mammografija. Jekk jogħġbok itlob gown jekk tkun tixtieq waħda. Meta tkun lesta, ir-radjografu ser tieħu mill-anqas żewġ x-rays ta' kull sider. Il-proċess ser jieħu madwar 10 minuti.

### Nista' nitkellem mar-radjografu?

Inti tista' titkellem mar-radjografu. Huma ser iwieġbu kwalunkwe mistoqsija jew ser jindirizzaw kwalunkwe tħassib li jista' jkollok.

### L-eżami tas-sider jikkawża uġigħ?

Hija normali li tħoss xi skumditá waqt l-iskrinnjar tas-sider tiegħek, imma din iddum biss ftit sekondi. Dan peress li sidrek irid jingħafas sew bejn żewġ platti fuq il-magna tal-mammogramma biex inkunu nistgħu nieħdu x-rays ċari. Jekk jogħġbok għid lir-radjografu tiegħek jekk qed tħoss xi uġigħ. Huma ser jaħdmu miegħek biex jiżguraw li l-eżami tas-sider tiegħek ikun komdu kemm jista' jkun. Fi kwalunkwe ħin tista' titlob biex l-eżami tas-sider jieqaf.

### Hemm bżonn li jingħafas sidri?

Hemm diversi raġunijiet importanti għalfejn irridu nagħfsu sidrek waqt l-iskrinnjar tas-sider. Meta s-sider jingħafas, dan jibqa' fiss u jnaqqas il-moviment, jaqsam u jissepara t-tessut tas-sider biex inkunu nistgħu nieħdu x-rays ċari. Inaqqas ukoll l-ammont ta' radjazzjoni li hemm bżonn għal kull x-ray.

## Wara l-iskrinnjar ta' sidrek

### Meta ser nirċievi r-riżultati tiegħi?

L-X-rays tiegħek jiġu eżaminati indipendentament minn żewġ professjonisti mħarrġa. Ir-riżultati tiegħek ser jiġu mibgħuta lilek fi żmien bejn wieħed u l-ieħor ġimagħtejn jew erba' ġimgħat. Ser jintbgħatu wkoll lit-tabib tiegħek, jekk ipprovdejt id-dettalji tagħhom.

### Ser niġi mitlub biex nirritorna għal aktar testijiet?

Jista' jkun li nitolbuk biex terġa' tiġi għand BreastScreen Victoria għal aktar testijiet jekk hemm xi post fl-x-rays tas-sider tiegħek li hemm bżonn li jiġi investigat aktar. Il-maġġoranza tal-klijenti li jerġgħu jiġu msejħa għand BreastScreen Victoria m'għandhomx kanċer tas-sider. Jekk dan hu l-ewwel eżami tas-sider tiegħek, aktar hemm ċans li terġa' tissejjaħ peress li mhux ser ikollna x-rays oħrajn fir-rekord tiegħek ma x'hiex inqabblu.

### Fejn ikolli mmur għal aktar testijiet?

Aktar testijiet jistgħu jsiru f'post differenti mill-ewwel appuntament tal-eżami tas-sider tiegħek. Għandna kliniċi ta' evalwazzjoni speċjalizzati madwar l-istat, mgħammra b'teknoloġija biex jitwettqu aktar testijiet skont il-bżonn.

### Eżami tas-sider ikun jista' jsib kull kanċer?

L-eżami tas-sider huwa l-aqwa mod biex wieħed jiskopri kanċer tas-sider fi stadju bikri. Madankollu, m'humiex eżatti mija fil-mija. Hemm ċans żgħir li l-x-rays tas-sider jidhru normali anke jekk ikun hemm kanċer tas-sider preżenti.

## Sentejn wara

### X'ser jiġri meta jkun imissni li nagħmel eżami tas-sider ieħor?

Li tagħmel eżami tas-sider kull sentejn bejn l-età ta' 50 sa 74 sena huwa l-aqwa mod biex issib kanċer tas-sider kmieni. Ser nibgħatulek ittra biex infakkruk meta jmissek tagħmel l-eżami tas-sider. Jekk inti għandek bejn 40 sa 49 sena jew inti akbar minn 74 sena, mhux ser tirċievi ittra li tfakkrek, imma tista' tibbukkja eżami tas-sider kull sentejn.

### X'għandi nagħmel fiż-żmien ta' bejn l-eżamijiet tas-sider?

Il-kanċer tas-sider jista' jiżviluppa fi kwalunkwe żmien. Anke jekk tagħmel eżami tas-sider kull sentejn, huwa importanti li tkun konxja ta' sidrek. Nirrakomandaw li ssir familjari ma' kif jidher u jinħass sidrek normalment. Jekk tinnota kwalunkwe tibdil f'sidrek, bħal xi għoqda ġdida, ħruġ ta' likwidu min-nipple jew ħmura, ara lit-tabib tiegħek kemm jista' jkun malajr.

## Il-privatezza tiegħek

Aħna ta' BreastScreen Victoria nużaw l-informazzjoni li tipprovdi u r-riżultati tal-eżami tiegħek biex nisskrinjaw għall-kanċer tas-sider u biex infakkruk meta jerġa' jmissek teżamina sidrek. Persuni awtorizzati biss għandhom aċċess għall-informazzjoni tiegħek. Aħna ser nużaw jew noħorġu informazzjoni li tidentifikak bil-kunsens tiegħek biss, jew meta obbligati li nagħmlu dan bil-liġi. Aċċess għall-informazzjoni tiegħek għal riċerka ser tkun provduta biss b'approvazzjoni etika. Żur breastscreen.org.au/privacy

Ikkuntattjana: email info@breastscreen.org.au jew ċempel 13 20 50.

# Ibbukkja f'**breastscreen.org.au** jew ċempel **13 20 50**

**TTY 13 36 77** jekk għandek diffikultajiet fis-smigħ jew biex titkellem

Għal aktar informazzjoni jew biex tibdel id-dettalji tiegħek, żur **breastscreen.org.au** jew ċempel **13 20 50**

Biex jassistik interpretu, ċempel **13 14 50**

Informazzjoni tradotta: **breastscreen.org.au/translations**

VICTORIA State Government

BreastScreen Victoria tirrikonoxxi s-sapport tal-Gvern tal-Istat tal-Victoria.



© 2023 BreastScreen Victoria. Kull Dritt Riżervat

April 2023 FS10/0423